MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 1233/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**JOSEPH ANTHONY GATT RUTTER**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Anthony Gatt Rutter, ta' 60 sena, bin Tancred Edward u Tereza nee' Caruana, imwieled Sliema fit-23 ta' Mejju, 1946 u residenti 98, Flt 2, Triq Nicolo Isouard, Sliema, ID Card No. 493946(M)

Gie akkuzat talli:

Fit-18 ta' Novembru 2006, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, f’stabilliment f’San Giljan, zamm jew ezercita jew kellu sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut jew lokal iehor jew xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuna licenzjata ta’ hanut allogg jew lukanda jew appartament privat halla jew ippermetta li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art. 9 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhal sid jew bhala l-persuna li kellu f’idejh l-amministrazzjoni ta’ dar jew fond iehor li xjentement ta b’kiri jew ippermetta l-uzu taghhom ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Art. 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar akkuzat talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala operatur ta’ attivitajiet turistici halla l-post f’xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika u dan bi ksur tal-Art. 7 tal-A.L. 128/2002.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer impjega, jew ta xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew b’mod iehor ghen jew assista lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1) (b) tal-istess Att.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer impjega persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Art. 5(9) tal-A.L. 205 tal-2004.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bhala principal impjega xi persuna li ma kienetx cittadin ta' Malta, liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol u dan bi ksur ta' l-artiklu 7 Avviz legali 1993.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' kundanna ghal reat taht l-Ordinanza Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta' liema jkun sar ir-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew t-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relativa ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar 'l fuq u dan skond l-artiklu 7 ta l-Avviz legali 110 1993

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PVP1 u nnutat li l-imputat Joseph Anthony Gatt Rutter m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-hames akkuza, is-sitt akkuza u s-seba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-hames akkuza, is-sitt akkuza u s-seba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni.

Rat l-artikoli 23 u 32(1)(b) tal-Kap. 217, Regolament 5(9) tal-A.L. 205 tal-2004 u Regolament 7 tal-A.L. 110/1993.

Issib lill-imputat Joseph Anthony Gatt Rutter, fuq ammissjoni, hati tal-hames akkuza, is-sitt akkuza u s-seba’ akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Joseph Anthony Gatt Rutter ghall-piena komplessiva ta’ elf u hames mitt Ewro (Ewro 1500) multa.

Rigward l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, it-tielet akkuza u r-raba’ akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Joseph Anthony Gatt Rutter issib lill-istess imputat mhux hati ta’ dawn l-erba’ akkuzi migjuba kontra tieghu stante li tali akkuzi ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------